MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 308/2011

Il-Pulizija
Vs
Omissis
Omissis
Lawrence Muscat
Omissis

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005 u l-jiem ta' qabel, bil-hsieb li jaghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal- Ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta, ikkonguraw f'dak is-sens ma persuna/i ohra meta l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar

thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kif imsemmi qabel kien ta’ aktar minn tlieta;

U aktar talli fil-konfront ta’ Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci, fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, bhala persuni li nizlu l-art jew imbarkaw f’Malta naqsu milli jkollhom passaport u jaghtu lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficcjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Gunju, 2011 fejn il-Qorti:

Rat fil- konfront tal-imputat Anthony Muscat l-artikolu 32(1)(a) tal- Kapitolu 217 u l-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta. Sabet lill-imputat Anthony Muscat hati tal- akkuza kif moghtija mill- Avukat Generali fl-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta u tenut kont iccirkostanzi kollha tal- kaz inkluza l-fedina aggiornata tal-imsemmi imputat u l-gravita’ ta’ din l-akkuza ikkundannat lill- istess imputat Anthony Muscat ghall- piena ta’ tmintax (18) il- xahar prigunerija u tlett elef Euro (Euro3000) multa.

Rigward l-akkuza migjuba kontra l-imputat Anthony Muscat kif moghtija mill- Avukat Generali fl-artikolu 28 tal-Kap. 217 tal- Ligijiet ta’ Malta, Ma ssabitx lill- imsemmi imputat Anthony Muscat hati ta’ din l-akkuza stante li ma gietx sufficjentement ippruvata u minnha tilliberatu.

Rat fil- konfront tal-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci l-artikoli 28 u 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 u l-artikoli 17, 20, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’Malta. Sabet lill-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci hatja tal- akkuzi kif moghtija mill-Avukat Generali rispettivament fl-artikoli 28 u 32(1(a) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta u tenut kont iccirkostanzi kollha tal- kaz inkluza l-fedina aggiornata tal-imsemmija imputati u l-gravita’ ta dawn l-akkuzi ikkundannat lill- istess imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci ghall- piena komplessiva ta’tnejn

u ghoxrin (22) xahar prigunerija u hames t’elef Euro (Euro5000) multa kull wiehed.

Il- Qorti, bl-applikazzjoni tal- artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, ordnat lill- imsemmija imputati Anthony Muscat, Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallsu lir- Registratur tal- Qrati f’ammont ugwali bejniethom is-somma ta’ elf, tlett mija u erba’ u disghin Euro u hamsa u tletin centezmi ta’ Euro (Euro 1394.35) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti u traduttrici.

Finalment il- Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, ordnat il- konfiska tal-oggetti esebiti fl-atti ta’ din il-kawza rispettivament bhala Dok MSP 9,Dok MSP12, Dok MSP13, Dok MSP14, Dok MSP15, Dok MSP16, Dok MB1,DokMB2, Dok MB3, DokMB4, DokMB5, Dok MB6, Dok MB7, DokMB8, DokMB9, DokMB10,DokMB11, DokMB12 u DokMB13.

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence Muscat minnhu pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti:

1. Thassar u tirrevoka is-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tipprovdi ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Lawrence Muscat, huma s-segwenti w cioe':-

**Punt ta’ Dritt**

1. <u>Ghal dak li jirrigwarda l-artiklu 32(1)(a) tal-Kap 217</u>

Illi anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument l-appellant, kien involut fit-trasbord tac-Cinizi lejn Sqallija, dan il-fatt, bl-ebda mod lanqas remotament, ma jinkwadra ruhu fit-termini ta' l-artikolu 32(1)(a) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn ezami akkurat ta' dispozizzjoni tal-ligi sureferita, jirrizulta ampjament car li din l-akkuza minuri tirreferixxi solament ghal meta persuna, b'xi mod jassisti lill-persuna barranija tidhol gewwa Malta klandestinament.

Illi minn qari tas-subartikli l-ohra kollha taht din id-dispozizzjoni tal-ligi jimmanifesta ruhu l-iskop u l-ispirtu tal-ligi u cioe` li tikkontrolla u tissanzjona kontra min b'xi mod jassisti nies li jkunu dahlu f'Malta b' mod irregolari.

Illi del resto ghandu jigi emfasizzat li tezisti dispozizzjoni tal-ligi appozita li tikkomprendi fiha reat ghal minn jassisti it-trasbord illegali minn Malta ghal barra. Id-dispozizzjoni tal-ligi hija ferm aktar serja u giet emedata ricentement sabiex tilqa` ghar-realtajiet attwali. Id-dispozizzjoni tal-ligi hija l-artikolu 337 A tal-Kodici Kriminali.

Illi hu ghal kollox kontru sens li jkollok zewg dispozizzjonijiet tal-ligi li jikkomprendu sanzjonijiet differenti li jitrattaw fuq l-istess reat.

Illi del resto ghandu jigi emfasizzat li l-istess Avukat Generali kien ben konxju ta' dan. Jirrizulta mill-atti processwali f'dan il-process l-istess Avukat Generali ghamle zball kardinali ghaliex meta finalment inghalqu l-provi u sar l-ahhar rinviju ghall-gudizzju l-istess Avukat Generali fl-artikli li baghat naqas milli jakkuza lill-esponent u lill-koakkuzati l-ohra taht l-artiklu 337A.

Illi mbghad l-Avukat Generali talab lill-Qorti tal-Magistrati tippermettilu jikkorgi l-artikli u jzid din l-akkuza.

Illi stranament u skorrettement dik il-Qorti, nonostante l-oggezzjoni tad-difiza, akkoljiet din it-talba u regghet rrinvjat l-atti lill-Avukat Generali. Din id-darba l-Avukat

Generali haret Att t’ Akkuza peress li issa l-piena kienet tezorbita l-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati.

Illi d-difiza in vena ta’ eccezzjoni preliminari issollevat li kien illegali u inaccettabbli guridikament li tinghata akkuza li permezz taghha l-piena tizdied wara li l-Avukat Generali jkun gia baghat artikoli b’ akkuzi minuri. Id-difiza nghatat ragun mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi fl-isfond ta’ dan kollu, u tenendo kont l-izbalji massicci kommessi f’dawn il-proceduri, huwa ddirittura sbalordattiv kif l-ewwel Qorti li quddiemha wara kollox kienu saru dawn l-izbalji ma fehmitx dan kollu u ppersistiet li timputa htija fil-konfornt ta’ l-appellant fuq artikolu ghal kollox irrelevanti.

2. <u>Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 28 tal-Kap 217.</u>

Illi anke hawn il-Qorti ghamlet apprezzament erroneu ta’ din id-dispozizzjoni tal-ligi.

Illi m’ghandu jkun hemm l-ebda dubju, li kieku in pessima ipotezi l-imputat mar sa’ Sqallija u lura dan il-fatt ma jikkostitwix l-elementi ta’ dan ir-reat.

Illi jidher car li din id-dispozizzjoni tal-ligi tirreferixxi ghal dawk il-barranin li jidhlu Malta u li jkollhom bzonn passaport.

Illi llum, minhabba li Malta hija membru ta’ l-Unjoni Ewropea, u minhabba fil-principju kardinali tal-free movement of people, li min jivjagga fl-Ewropa m’ghandux bzonn passaport.

Illi ghalhekk huwa ghal kollox kontru sens li l-Qorti targumenti li ghax derilha li gie ppruvat li l-appellant hareg barra mit-territorju ta’ Malta bil-power boat u mar lejn Sqallija bla passaport allura huwa hati ta’ dan ir-reat. Kieku l-ligi kellha tigi interpretata f’din l-estremita`, allura din kienet tkun kontra l-corpus iuris Ewropew u tlett kwarti tal-popolazzjoni ta’ Malta talli tivvjagga fl-Ewropa minghajr passaport.

**Fuq il-fatti**

Illi nonostante l-abbundanza ta' riflessjonijiet li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u nonostante l-hxuna tal-process kriminali, in pessima ipotesi, hemm skarsezza ta' totali ta' provi fil-konfornt ta' l-appellant u fl-ahjar ipotesi m'hemm provi ta' xejn. L-unika fattur li resqet il-prosekuzjoni bhala sembjanza ta' prova kontra l-esponent kien il-mer fatt li dan fil-lejl tal-hdax ta' Marzu huwa kien qieghed fuq power boat fil-bahar fid-direzzjoni ta' San Tumas.

Illi l-provi indizzjarji li ttentat tuza l-prosekuzzjoni ukoll huma monki u bbazati fuq kongetturi.

Illi l-prosekuzjoni tistrieh fuq il fatt li fuq il-power boat instab GPS li skond l-espert tal-Qorti indika tragitt minn Marzameni gewwa Sqallija sa Malta. B' aktar precizzjoni l-GPS bhala indikazzjoni spicca l-Furjana.

Illi mbghad hemm il-prova li numru ta' Cinizi, fi zminijiet vicin id-dati indikati kienu harbu minn Malta permezz ta' power boat u waslu fi Sqallija.

Illi anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument l-appelant mar bil-powerboat sa Sqallija skond kif donnu qed jidika l-GPS. Dan il-fatt wahdu ma jfissirx li kien hu li wassal il-klandestini gewwa Sqallija. Dawn ic-cinizi la kienu kapaci jgharfu lil xi hadd mill-akkuzati, u wisq anqas il-power boat. Inoltre l-GPS gie elevat dakinhar stess filghaxija minn fuq il-power boat u ghalhekk ma kienx lahaq spicca l-Furjana. Il-fatt li l-GPS jindika li spicca l-Furjana jindika se mai in pessima ipotezi li t-tragitt sar jew gurnata qabel jew hin qabel.

Illi inoltre, l-Ewwel Qorti fl-osservazzjonijiet taghha tat piz lill-fatt li l-istatements ta' l-akkuzati kienu konfliggenti.

Illi din l-osservazzjoni wkoll kienet erronea peress li huwa palezi li l-istatements ta' akkuzati la jistghu jintuzaw favur u wisq anqas kontra koakkuzat iehor.

**Fuq il-Piena**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost tenendo kont ic-cirkostanzi l-piena kienet wahda eccessiva.

Illi l-piena kontemplata hija dik sal-massimu ta' sentejn jew multa jew it-tnejn flimkien.

Illi l-Ewwel Qorti nonostante l-mod erratiku ta' kif tmexxew dawn il-proceduri dehrilha li kellha timponi piena kwazi fil-massimu taghha.

Illi d-difiza jidhrilha li tenendo kont il-fedina penali tajba ta' l-appellant, li l-piena idonea kellha tkun jew multa jew piena alternattiva minn dik karcerarja.

Ikkunsidrat,

Aggravji fuq punti ta' Dritt

A. L-artikolu 32(1)(a) tal-Kap 217

L-ewwel aggravju huwa dwar punt ta' dritt. L-abbli difensur jissottometti li hemm l-artikolu 337A tal-Kap 9 li jipprovdi għar-reat ta' trasbord klandestin ta' persuni lejn artijiet oħra. Iżid jgħid li ma jsitax ikollox żewġ dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-istess materja.

L-ewwelnett fil-Liġi jista' jkun hemm każi fejn żewġ dispożizzjonijiet ikopru sitwazzjonijiet li ma jkunux kongruwi għal kollox iżda li fihom elementi li jixxiebħu. Il-każ tal-artikolu 95 tal-Kap 9 kif mqabbel mal-artikolu 338(ee) tal-istess Kap huwa propju wieħed minn dawn il-każi. Filfatt l-istess artikolu 95, fis-subinċiż (2) jikkontempla piena ta' kontravenzjoni jekk mill-fatti jirriżultaw hekk.

L-artikolu 337A tal-Kap 9 jgħid hekk:

‘337A. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, jgħin, jassisti, jagħti parir jew iħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta, jikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra jista’, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, jeħel il-piena ta’ priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin jew multa ta’ tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u dawk tal-Att
dwar il-Probation ma jkunux japplikaw:’

Min-naħa l-oħra l-artikolu 32(1)(a) tal-Kap 217 jipprovdi kif ġej:

‘ 32. (1) Kull persuna li -
(*a*) tgħin jew tassisti lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f’Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta’ dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f’Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att;’

Mela taħt dan l-artikolu huwa possibbli li persuna tinstab ħatja li tkun assistiet biex persuna ‘biex toqgħod ġewwa jew li titlaq minn Stat ieħor’.

Fil-każ tal-artikolu 337A, hemm l-element tal-qligħ imsemmi espressament fil-bidu tad-dispożizzjoni. Barra dan, dan l-artikolu huwa marbut ma’ dak li jsir ġewwa Malta biss (b’eċċezzjoni tal-konġura). Fl-aħħarnett l-artikolu ma jeskludix pieni oħrajn taħt il-Kap 9 stess jew xi liġi oħra. Minn dan il-kliem jirriżulta ċar li l-leġislatur kien jaf li jista’ jkun hemm provvedimenti oħra fil-Liġi Maltija li

jkunu jolqtu xi parti mill-istess azzjonijiet bla ma d-dispożizzjonijiet ikun identiċi kompletament.

Għalhekk iż-żewġ artikoli, għalkemm in parte jkopru l-istess azzjonijiet, huma differenti għaliex l-elementi tagħhom mhumiex identiċi.

L-artikolu 32(1)(a)  tal-Kap 217 mhux marbut ma' dak li jiġri f'Malta biss iżda ma' azzjonijiet li jeffettwaw Stat ieħor dak li jsir barra minn Malta għaliex jinkludi wkoll il-kliem 'jew li toqgħod ġewwa jew li titlaq minn Stat ieħor.'

Hija kwistjoni ta' prova jekk persuna jkunx assista lil xi persuna biex toqgħod fi Stat ieħor.  Dan irid jirriżulta mill-proċess.

B. L-artikolu 28 tal-Kap 217.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*'28.  Kull persuna li tinżel l-art jew timbarka f'Malta għandu jkollha passaport u tagħti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ.'*

Skont l-abbli difensur din id-dispożizzjoni tgħodd għal dawk il-passiġġieri li jinżlu f'Malta u jkunu jridu jaru l-passaport.

Bir-rispett kollu, dan mhux korrett għal kollox għall-fatti li allegatament seħħew
(i) minħabba  li dawn seħħew bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005 meta Malta kienet għadha ma daħlitx fix-Schengen Agreement; u

(ii) li d-dispożizzjoni kienet tgħodd kemm jekk tinżel Malta u kemm jekk timbarka (jiġifieri tħalli) Malta.

Isegwi li l-Qorti mhix tilqa' s-sottomissjonijiet tal-appellant dwar dan l-aggravju

L-aggravju dwar il-Fatti

Din il-Qorti bħala regola ma tiddisturbax sentenza tal-Ewwel Qorti jekk dik il-Qorti setgħet tasal għal dik il-konklużjoni raġjonevolment u legalment.

Minħabba li dan l-aggravju huwa dwar apprezzament ta' fatti, il-Qorti reġgħet daret il-proċess kollu għal tliet darbiet. Qed tirreferi b'mod speċjali għall-paġni 384 – 436 tal-proċess li huma parti mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Dawn it-42 paġna fihom suċċint ta' x'qalu x-xhieda kollha fid-dettall.

L-appellant jissottometti li ma kienx hemm provi biżżejjed dwar il-fatti li tagħhom instab ħati.

Il-Qorti analizzat x'intqal mix-xhieda matul il-proċess u sejra taqsam l-anaiżi tagħha f'dawn il-partijiet: (1) Is-sejbien tat-Truck Dodge bil-karru; (2) Id-Dħul tad-Dgħajsa Little Emm Valletta; (3) Il-GPS; (4) Ix-xhieda min-naħa Taljana; (5) L-identifikazzjoni tad-Dgħajsa.

(1) Is-Sejbien tat-Truck Dodge Bil-Karru.
Mix-xhieda tal-Ispettur Mario Haber jirriżulta li fil-11 ta' Marzu 2005 fit-8.30pm intlemaħ vann Dodge bir-reġistrazzjoni KBB 598 [1]ħdejn il-Knisja ta' Marsaskala. Bejn il-11.30pm u 12.00pm mar Anthony Muscat ħdejn it-trailer u l-vann u l-pulizija rawh jiftħu. (Ara wkoll ix-xhieda ta' PS 1210 a fol 152, ix-xhieda ta' PC 1607 George Vella a fol 157, li għaraf lil Anthony Muscat fl-awla, ix-xhieda ta' PS 1428 Jesmond Delia a fol 164 u 165 u li kien ħa n-numru tal-ID Card tiegħu, ta' WPS 156 Sonia Parascandolo a fol 192, li wkoll għarfet lill-imputat fl-awla, PC 438 Joseph Schembri fol 273, u dik ta' PC 953 Lawrence Cassar a fol 275). L-Ispettur Mario Haber esibixxa ċ-ċavetta tad-Dodge a fol 142.

(2) Id-Dħul tad-Dgħajsa Little Emm Valletta

[1] Dan il-vann huwa reġistrat f'iem Josephin Gauci (ID 500859) u kien ilu hekk reġistrat mill-20 ta' Noembru 2003. (Ara xhieda ta' Christopher Darmanin a fol 235)

Xi nofs siegħa wara (00.30 am) ntlemħet power boat (Little Emm Valletta)[2] dieħla fil-bajja li fuqha kien hemm Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci. (Ara x-xhieda ta’ PC 1607 George Vella a fol 158 li għarafhom fl-Awla, PS 1428 Jesmond Delia a fol 167 li ħa l-particulars tat-tliet persuni li kienu fuq id-għajsa). Din kienet dieħla fid-direzzjoni ta’ fejn lejn il-moll biex jitilgħu lejn is-slipway fejn kien hemm mid-Dodge. (Xhieda ta’ PS 1428 Jesmond Delia fol 166). Fuq Simon Muscat kien hemm satellite mobile u GPS. (Ara wkoll ix-xhieda ta’ WPS 165 Sonia Parascandolo a fol 193, PC 40 Raymond Saliba[3] a fol 263 – li għaraf lit-tliet persuni msemmija fl-Awla (fol 264), PC 438 Joseph Schembri a fol 274 fejn jgħid li fuq il-power boat kien hemm tlieta min-nies u li l-power boat tpoġġiet fuq il-karru li kien hemm mal-vann Dodge u x-xhieda in kontro-eżami ta’ WPS 165 Sonia Parascandolo li qalet li t-tliet imputati kienu ittieħdu f’karozzi differenti għax wieħed minnhom kien fil-karozza fejn kienet hi.(fol 194) ).

(3) Il-GPS

Skont PS 318 Francis Rogers (fol 270) meta saret tfittxija fuq Simon Muscat, instab GPS receiver tal-marka Laurence.

Meta xehed PC 40 Raymond Saliba (fol 263), dan qal li huwa daħal ġewwa l-power boat u kien sab GPS taħt is-seat fqu wara tal-power boat.

Skont l-espert tal-Qorti Martin Bajada (ara fol 323 – 324) il-GSP li nstab fuq id-dgħajsa juri traġitt bejn (Malta) Wied il-Għajn u Merzameme u lura sal-Floriana (id-depot tal-Pulizija) sa fejn fl-aħħar intefa l-GSP. (‘Dan fis-sens li baqa’ tiela’ fuq l-art u spiċċa l-Furjana’ (fol 302)

(4) Ix-xhieda min-naħa Taljana

---

[2] Din il-power boat hija reġistrata fl-isem ta’ Anthony Gauci (ID 500952(M)- Xhieda ta’ Dr.Gordon Cutajar a fol 233.

[3] Fil-kontro-eżami PC 40 Raymond Saliba ċaħad li huwa kien poġġa l-GPS fid-dgħajsa. (fol 265). Huwa qal ukoll li dan il-GPS kien żgħir u tista’ taqbdu f’id waħda.

Skont l-Ispettur Carlo Parrini (fol 315):

'Bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005, fis-sigħat bikrin tat-12 ta' Marzu, 2005, waqt li kien xogħol f'Merzameme Frazione tal-Komun ta' Pagino, ġew rintraċċjati ż—żewġ ċittadini, probabilment Ċiniżi.  Il-gwardjan induna li kellhom ż-żraben imxarrba u l-parti t'isfel ta' ġisimhom imxarrba wkoll. Imbagħad induna b'oħrajn li kienu qed jaslu hemmhekk – triq pjuttost isolata.   Sas-6 ta' filgħodu inrnexxielhom isibu 25 persuna – 21 raġel u 4 nisa (fol 316).  Dawn kienu kollha ta' nazzjonalita' pseudo ċiniża. ......

(Mill-istħarriġ) irriżulta li dawn kienu waslu Malta u wara pagament ta' flus li jvarja bejn tlitt elef  u erbat elef dolalru Amerikan, (kien) irnexxielhom dak il-lejl stess lejn Sqallija. Ġara effettivament li dawn wslu Sqallija f'dik id-dat u l-ħin. Din it-riq tisnab f'Marzameme fuq ġewwa. ....Kellhom lighters bis-salib tal-Kavalieri ta' Malta.   Fuq il-mobiles instabu ħafna konfronti ta' numri Maltin bit-telefonati jsiru filgħaxija tal-jum tal-11 ta' Marzu sat-12 ta' Marzu.'

Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li kienu itteħdu tal-25 persuna.  Qal ukoll li dawn kienu l-istess persuni li huma kienu bagħtu lura lejn Malta u li Malta aċċettathom. Hemm l-iem u l-informazzjoni personali tagħhom kif ukoll id-dti li jaqblu.   Dawn in-nies huma kollha denunċajti għall-atti ta' immigrazzjoni klandestina lejn territorju Taljan.

(5) L-Identifikazzjoni tad-dgħajsa.

Skont l-Ispettur Christopher Pullicino l-Pulizija kienet ħadet li dawk il-persuni ta' nazzjonalita' Ċiniża li kienu involuti fl-inċident ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005 sabeix dawn jaraw jagħrfux id-dgħajsa li kienu marru biha. Iċ-Ċiniżi lanqas biss taw każ ħafna mid-dgħajjes .  Kien hemm min magħraf ebda dgħajsa u kien hemm oħrajn li bdew jieqfu speċifkament fuq id-dgħajsa li kienet sekwestrata b'konnessjoni mal-inċident tal-11 ta' Marzu (fol 256).  Kien hemm min għaraf ir-railings u qal li żamm magħhom u oħrajn li għarfu l-hatches għax kien hemm

aktar minn hatch waħda. Xi Ċiniżi għarfu l-hatches għax kienu bla bieba.

Skont l-Ispettur Sandro Zarb (fol 212), waħda miż-żewġ dgħajjes li kienu n-naħa ta'quddiem hija d-dgħajsa li hija in kwistjoni. Xi Ċiniżi bdew jgħidu li d-dgħajsa sekwestrata fit-12 ta' Marzu, 2005 kienet simili għal dik li marru biha Sqallija (fol 214). Issemmew ir-railings kif ukoll li kein hemm żewġ portholes. Taw każ li d-dgħajsa kellha tliet muturi u kif kien imqassam taħt id-dgħajsa

Skont PS 1428 Jesmond Delia li tnejn mill-imputati kienu lebsin wet suit ( wieħed minnhom kien Simon Muscat – fol 169) u li fuq il-parti ta' wara kien hemm ħafna 'remettar' li kien mifrux (fol 168). Timothy Gauci kien qal li hu kien ma jiflaħx u għalhekk kien hemm dak 'ir-remettar.' Ix-xhud wera li m'emmnux (fol 168). Id-dgħajsa kienet fuq barra iswed u aħmar. Huwa kkonferma wkoll li Timothy Gauci ħa d-dgħajsa lejn Ta' Kandja.

Fil-proċess hemm ix-xhieda ta' sitt Ċiniżi dwar il-vjaġġ li seħħ lejn Sqallija u l-identifikazzjoni tad-dgħajsa.

Shi Chengyong xehed li l-vjaġġ telaq fil-11 ta' Marzu 2005. Kien ħallas elfen dollaru Amerikan biex ikollu post fuq id-dgħajsa. Huwa daħal ġod-dgħajsa minn toqba li ma kenitx mgħottija. Meta ġie lura minn Sqallija l-Pulizija kienu urewh dgħajsa li tixbah ħafna d-jsa li kien mar biha Sqallija. Huwa kien daħal fid-dgħajsa u b'hekk wasal għal dik il-konklużjoni. Fuq id-dgħajsa kien hemm madwar 20 Ċiniż u fosthom kien hemm in-nisa. Kmieni filgħodu tat-12 ta' Marzu kien inqabad mill-Pulizija. (fol 74). Fil-kontro-eżami huwa qal li kien hemm tlitt irġiel fuq id-dgħajsa u li meta l-Pulizija kienu ġaduh ta' Kandja huwa kien tela' fuq id-dgħajsa minn jheddu. (fol 75).

It-tieni Ċiniż li xehed kien Wang Shengmin (fol 77). Dan ukoll qal li ħallas 2000 dollaru Amerikan biex mar filp-vjaġġ tal-11 ta' Marzu 2012. Huwa daħal ġewwa d-dgħajsa minn toqba li ma kellha ebda għatu. Fuq id-dgħajsa kien hemm tliet persuni u ħafna mill-persuni li kienu fuqha kienu Ċiniżi. L-għada filgħodu kienu qabduh

il-Pulizija Taljana. Meta ttieħed ta' Kandja huwa daħal fid-dgħajsa li kellha żewġ toqob u fiha ftit aħamar u iswed. Din id-dgħajsa tixbah lid-dgħajsa li mar biha Sqaillija. Fil-kontro-eżami huwa kkonferma d-data tat-tluq bħala l-11 ta' Marzu, 2012.

It-tielet Ċiniż kien Lin Changming (fol 82) li ikkonferma d-data tal-11 ta' Marzu 2012 u li kien ħallas elfejn Ewro. Id-dgħajsa kellha tliet muturi u kien hemm tliet persuni. In-nies l-oħra kienu Ċiniżi fosthom nisa. Malli ħareġ filgħodu qabduh il-Pulizija. Meta ttieħed ta' Kandja huwa nduna li waħda mid-dgħajjes li ntwera tixbaħ ħafna 'l dik li telaq biha minn Malta. Fil-kontro-eżami huwa qal li f'Ta' Kandja kienhemm aktar minn dgħajsa waħda u l-Ispetur Zarb kien talbu biex jara ġewwa tad-dgħajsa. Żied jgħid li ħdejn id-dgħajs li huwa tela' ma keinx hemm dgħajsa oħra preċiż bħal din id-dgħajsa li tela' fiha.

Ir-raba' Ċiniż kien Wang Zhou (fol 104 u fol 113). Dan ukoll ħallas 2000 dollaru Amerikan biex għamel il-vjaġġ bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005 (ara wkoll fol 113). Biex tela' fuq id-dgħajsa għadda minn toqba. Fuq id-dgħajsa kein hemm żewġ toqob. Huwa ma kellux għalfejn jiftaħ bibien biex jidħol. Meta ntwera d-dgħajsa f'Malta huwa ntebaħ li ġewwa tagħha – fejn kien hemm is-seats- kien jixbaħ sew lid-dgħajsa li biha ħalla Malta. Huwa kkonferma wkoll li kien hemm nisa Ċiniżi fuq id-dgħajsa. Fil-kontro-eżami huwa qal li n-numru ta' persuni kien ta' 25. A fol 114 huwa qal li d-dgħajsa kellha xebħ ukoll ma' dik li kienet telaq biha lejn Sqallija meta tħares lejha minn barra. A fol 115 hwua qal li d-dgħajjes li ntwera mill-Pulizija kienu differenti minn xulxin.

Il-ħames Ċiniż kien Qiu Zong Bin (fol 119) li kkonferma li d-dgħajsa li mar biha kienet dejqa u ppuntata. Huwa daħal ġo fiha minn ġo toqba li tagħti għall-parti t'isfel tad-dgħajsa. Id-dgħajsa li wreh il-pulizija kienet tixbaħha (fol 120) għaliex din kienet ukoll bil-ponta. Fil-kontro-eżami huwa qal li fil-parti t'isfel kien hemm aktar minn għaxar persuni.

Is-sitt Ċiniż li xehed Zheng Minghui li semma d-data tal-11 u 12 t' Marzu 2005 meta telaq minn Malta. Huwa kien ħallas 2500 dollaru Maerikan lil wieħed Malti. Huwa daħal fit-dgħajsa permezz ta' toqba ta' shape kwadru. Fuq id-dgħajsa kien hemm 25 passiġġier u kien hemm in-nisa fost il-passiġġieri. Tliet persuni kienu qed jikkontrollaw id-dgħajsa. Id-dgħajsa kellhom quddiem ippuntat. Id-dgħajsa li wrewh il-Pulizija kienet tixbah lil dak li mbarka fuqha hawn Malta. (fol 126).

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar dawn il-ħames punti

Il-Qorti qed tikkonkludi li dawn il-provi huma katina magħquda tajjeb tal-akkużi miġjuba kontra l-appellant. L-ewwelnett il-karru lest biex itella' d-dgħajsa malli tasal diġa' jindika li hemm xi ħaġa mhux tas-soltu. Iżda mbagħad din l-ewwel ħolqa tal-katina torbot mad-dħul tal-appellant flimkien ma żewġ appellanti oħra fuq id-dgħajsa Little Emm Valletta. Dwar min kien fuq din id-dgħajsa m'hemm ebda dubju għaliex il-persuni kienu arrestati mill-ewwel u sehdu diversi membri tal-Pulizija dwar l-identita' tal-persuni.

It-tielet punt huwa l-GPS li f'dan il-każ kien prova importantissima. Il-GPS wera t-traġitt saħansitra sal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Instab fuq id-dgħajsa msemmija u wera li d-dgħajsa kienet marret Sqallija propju fil-post indikat mix-xhud Taljan Carlo Parrini.

Ix-xhud Carlo Parrini xehed bid-dettal fejn instabu fejn instabu l-persuni ta' nazzjonalita' Ċiniża propju fl-istess lejl ta' meta sar il-vjaġġ bid-dgħajsa u propju fl-istess inħawi ta' fejn kienet waslet id-dgħajsa. Mhux biss jaqbel in-numru ta' persuni li ngħata mis-sitt Ċiniżi li xehdu iżda taqbel ukoll it-taqsima f'żewġ sessi (irġiel u nisa bi predominanza tal-irġiel) u tqabel ukoll n-nazzjonalita' tal-passiġġieri.

Żgur li matematikament trid denominator ma jispiċċa qatt biex ikollok erba' 'kumbinazzjonijiet' f'daqqa.

Sa hawnhekk il-Prosekuzzjoni kienet diġa' ppruvat il-każ tagħha 'beyond reasonable doubt' iżda mbagħad xehdu wkoll is-sitt Ċiniżi dwar l-identifikazzjoni tad-dgħajsa li biha huma kienu ħallew Malta. Id-dettalji li taw dwar (i) it-toqba li daħlu fiha; (ii) il-kulur; (iii) l-parti ippuntata tad-dgħajsa komplew saħħew il-pożizzjoni tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni tad-difiża li l-GPS seta' kien ta' ħadd ieħor. Il-GPS instab fuq id-dgħajsa fejn kien l-appellant u l-GPS immarka t-traġitt saħansitra fuq l-art kif ġara dak in-nhar u mhux xi darba oħra. Lanqas ma hija aċċettabbli s-sottomissjoni dwar il-propjeta' tad-dgħajsa. Jekk wieħed jisraq b'karozza ta' ħadd ieħor ma jfissirx li ma seraqx. Fuq kollox il-fatt li ċ-Ċiniżi ma setgħux jagħrfu lill-appellant ma jfisser assolutament xejn għax min kein qed imexxi d-dgħajsa involuta nqabad huwa u dieħel lura Malta.

Dwar l-artikolu 28 tal-Kap 217, m'hemm ebda dubju li dan inkiser ukoll dato iż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni.

Dwar il-piena, din hija fil-parametri tal-Liġi u l-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tirriformha speċjalment minħabba s-serjeta' ta' dan ir-reat.

Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismjiet 'Il-Pulizija vs Anthony Muscat, Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci' fit-28 ta' Ġunju 2011 fil-konfront ta' Lawrence Muscat fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------